# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-2 ta' Gunju, 2016.**

**Rikors Numru 119/2016 SM**

**Bettingstore S.r.l., socjeta` estera registrata l-Italja bin-numru 0077229950720 u bl-indirizz Piazza Antonio de Pergola 65, 70122, Bari, l-Italja**

**vs.**

**Take Five Limited (C – 68722)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-16 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu r-rapprezentant tas-socjeta` estera rikorrenti fuq indikata sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` intimata ghandha taghti l-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf disgha mija u disgha u tmenin Ewro u

hamsa u erbghin centezmu, (€25,989.45), lis-socjeta` estera rikorrenti, oltre l-imghaxijiet legali dovuti;

1.2. Illi l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti jirrapprezenta bejgh ta' merkanzija mis-socjeta` estera rikorrenti lil dik intimata kkonsenjata direttament lilha fil-fond numru 15, Triq A. Ball, San Giljan;

1.3. Illi l-istess socjeta` intimata hi responsabbli wkoll li tirrifondi lis-socjeta` estera rikorrenti l-ispejjez involuti fit-trasport tal-istess merkanzija mill-Italja ghal Malta mhallsa mis-socjeta` estera rikorrenti lis-socjeta` Virtu` Ferries S.r.l.;

1.4. Illi l-ammont fuq indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed), hu dejn cert, likwidu u dovut, li ghalih is-socjeta` intimata m'ghandiex eccezzjonijiet validi x'tipproduci, (ara foll 5 sa 12);

1.5. Illi nonostante li interpellata appozitament biex taffettwa l-pagament minnha dovut, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti, (ara foll 13);

1.6. Illi in vista tal-premess, jikkonkorru r-rekwiziti preskritti mill-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-procedura odjerna tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh *stante* li s-socjeta` intimata m'ghandha l-ebda risposta valida fil-ligi xi tressaq kontra t-talbiet tas-socjeta` estera rikorrenti;

1.7. Illi ghalhekk is-socjeta` estera rikorrenti aderiet din il-qorti bil-ghan li din:

1.7.1. Tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-artikli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.7.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` estera rikorrenti s-somma ta' €25,989.45, fuq riferita, oltre l-imghaxijiet legali rapprezentanti bejgh ta' merkanzija kkonsenjata lis-socjeta` intimata, flimkien ukoll mall-ispejjez

ta’ trasport involuti biex il-merkanzija tingieb mill-Italja ghal Malta;

1.7.3. Bl-ispejjez kif dedotti mis-socjeta` estera rikorrenti u bl-imghaxijiet legali mid-dati tal-fatturi sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta` intimata;

2. Sodisfatta li s-socjeta` intimata giet debitament notifikata bil-procedura odjerna skont il-ligi, (ara foll 34, 37 u 38);

3. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

4. Semghet lir-rapprezentant tas-socjeta` estera rikorrenti jikkonferma bil-gurament tieghu t-talbiet tal-istess socjeta` fl-interezza taghhom, (ara foll 40);

Ikkunsidrat:

5. Illi jirrizulta assodat li s-socjeta` estera rikorrenti pprovat it-talbiet kollha taghha fil-konfront tas-socjeta` intimata;

6.0. Illi konsegwentement takkolji t-talbiet kollha tal-istess socjeta` estera rikorrenti u ghalhekk:

**DECIDE:**

6.1. Tiddeciedi l-procedura in dizamina bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-artikli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata *Take Five Limited* biex thallas lis-socjeta` estera rikorrenti *Bettingstore S.r.l.* l-ammont ta’ hamsa u ghoxrin elf disgha mija u disgha u tmenin Ewro u hamsa u erbghin centezmu, (€25,989.45), rapprezentanti bejgh ta’ merkanzija varja kkonsenjata lis-socjeta` intimata fil-fond 15, Triq A. Ball, San Giljan, oltre l-ispejjez ta’ transport tal-istess merkanzija mill-Italja ghal Malta gia` mhallsa mis-socjeta` estera rikorrenti lis-socjeta` Virtu` Ferries S.r.l.;

6.3. Bl-ispejjez kif dedotti mis-socjeta` estera rikorrenti fl-istess rikors guramentat promotur, u bl-imghaxijiet legali lilha dovuti mid-data tal-fatturi sad-data tal-effettiv pagament kontra l-istess socjeta` intimata.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**